Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,797, 7 ta' Settembru, 1993
Taqsima B

A.L. 117 ta' l-1993

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT Nru. XXIV ta' l-1988)

Statut li jemenda l-Istatut 3 ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28 (5) u 29 (6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 48 (3) ta' dak l-Att:—

STATUT LI JEMENDA L-ISTATUT 3 (EMENDA Nru. 6) — KORSIJIET TA' STUDJI, GRADI U DISTINZJONIJIET

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut li jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 6) ta' l-Università ta' Malta u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Istatuti ta' l-Università ta' Malta mdaħħla fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni.

Emenda fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 ta' l-Istatut 3

2. Fis-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 — Korsijiet ta' Studji għall-Gradi, Diplomi u Ċertifikati — ta' l-Istatut 3 — taħt ir-ras **"Il-Fakultà tal-Liġi"**, minnufih taħt il-kliem "Doctor of Laws — LL.D." u qabel il-kliem "Master in Diplomacy — M.Dip." għandhom jidħlu l-kliem "Master of Arts (Diplomatic Studies) — M.A. (Dip. St.)".